# QORTI ĊIVILI

# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF

## ROBERT G. MANGION

**ILLUM IT-30 TA' MEJJU 2019**

**Kawza Numru: 4**

**Rik. Gur. 211/2018/1 RGM**

**Edward Francis Debono**

**vs.**

**Gordon Bartoli et. noe.**
**u li b'digriet ta' ..... gew mahtura**
**kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw**
**lill-assenti Daniela Bartoli**

**HSBC (Malta) plc. qua Trustee u**
**b'digriet tas-26 ta' Marzu, 2019,**
**l-isem tal-Bank konvenut gie jaqra**
**HSBC Bank Malta plc.**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors tal-konvenuta Daniela Bartoli (K.I. 323980M)** prezentat fl-4 t'Ottubru, 2018 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:

1. "Illi l-esponenti giet notifikata bl-atti tal-kawza su riferiti nhar it-tletin (30) t'Awwissu elfejn u tmintax (2018) gewwa r-residenza taghha fi Franza.

2. Illi l-esponenti hija konsapevoli li ormai it-terminu preskritt bil-ligi entro liema hija kellha tintavola r-risposta taghha ghat-talbiet tar-rikorrenti hekk kif dedotti fir-rikors promotur tieghu, liema rikors gie prezentat nhar il-hamsa (5) ta' Marzu elfejn u tmintax (2018).

3. Illi l-esponenti umilment tirrileva illi hija m'ghandiex tort ghall-fatt li r-risposta ghar-rikors promotur tar-rikorrenti ma gietx prezentata entro t-terminu stabbilit mill-ligi procedurali. Illi l-esponenti qeghda umilment ggib a konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li l-esponenti tirrisjedi l-esteru flimkien ma' uliedha u li prezentement ghaddejja minn diversi problemi finanzjarji serji a kawza ta' diversi proceduri li hija ghandha pendenti mar-rikorrenti. Illi fil-fatt din is-sitwazzjoni qed tirreka diversi problemi lill-esponenti anke mas-sistema gusdizzjarja Franciza.

4. Illi ulterjorment, l-esponenti qeghda umilment tirrileva illi l-avukat sottoskritt tal-esponenti kien jinsab imsiefer meta l-esponenti rceviet l-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi fir-residenza taghha gewwa Franza, u ghalhekk ma setghatx tikkomunika mieghu sabiex r-risposta ghar-rikors promotur tar-rikorrenti setghet giet intavolata entro t-terminu stipulat mill-ligi.

5. Illi ulterjorment u dana minghajr pregudizzju ghal dak li gie rilevat iktar qabel, l-esponenti taghmel referenza ghall-insenjamenti tal-Qrati nostrani fuq l-istitut tal-kontumacja, fejn dejjem intqal li:

*Indubbjament l-istitut ta' kontumacja bl-ebda mod ma huwa relatat mal-mertu tal-kawza jew ma' implikazzjonijiet personali, socjali jew xort'ohra tieghu. Hu istitut intiz biss bhala fren biex irazzan l-attegjament ta' kontumelja u disprezz daparti ta' min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa. Ma kienx gust allura li ssir distinzjoni jew preferenza fejn il-ligi ma taghmilhiex u ma tippermettihiex.*

6. Illi ukoll fid-decizjoni LorraineNejjar vs. Zoher Ibrahim Nejjar, il-Qorti elenkat il-principji li jirregolaw lil dan l-istitut , fejn inter alia ried ritenut li:

*Il-kuntumacja ma tistax tigi ritenuta u gustifikata jekk kienet volontarja; Lanqas tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza; Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta; Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu; L-impediment biex ikun legittimu ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci; L-izball ma hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli ghaliex ikun vincibbli allura jigi ekwiparat ghall-kolpa; Dan l-impediment legittimu jista' jkun kif intqal, "una necessita` impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili"; L-impossibbilita` li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkonstitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.*

7. Illi l-esponenti umilment tirrileva illi l-agir taghha bl-ebda mod ma kien intiz bhala attegjament ta' disprezz lejn dina l-Onorabbli Qorti, jew li b'xi mod hija injorat l-ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti. Illi l-esponenti umilment tfakkar lil dina l-Onorabbli Qorti li hija giet notifikata wara li

kien diga kien hemm diversi seduti quddiema, u ghalhekk lanqas ma setghet tidher mill-bidu nett.

8. Illi wkoll, l-esponenti, dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, umilment tirrileva illi dawn il-proceduri ghadhom fi stadju bikri hafna u ghalhekk li kieku t-tardivita` tal-esponenti kellha tigi gustifikata minn dina l-Onorabbli Qorti, dan ma johloq l-ebda pregudizzju fil-konfront tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment u bl-akbar rispett jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiggustifka l-kontumacja tal-esponenti u tawtorizza l-prezentata tar-risposta tal-esponenti ghar-rikors promotur tar-rikorrenti u sabiex dina tifforma parti mill-atti processwali tal-proceduri fl-ismijiet premessi."

Rat **ir-risposta tal-attur Edward Francis Debono** presentata t-18 t'Ottubru, 2018, fejn jinghad kif gej:

"Illi t-talba tal-konvenuta Daniela Bartoli ghandha tigi michuda stante li:

Hija kienet taf b'din l-kawza tant li l-avukat li ghal snin shah ilu jippatrocinaha Dr Noel Camilleri u l-kollega Dr Carmelo Mifsud Bonnici minn l-istess ufficju kien irrifjuta li jaccetta l-bandu u ghamel nota f'dawn l-atti sabiex l-klijenta tieghu tigi notifikata fi Franza u hekk sar;

Li jekk hija ghandha problemi finanzjari dan ma ghandux ibaghti ghalihom l-esponenti u lanqas din l-Qorti u kieku veru dan kien il-kaz kienet tasal fi tranzazzjoni mal-esponenti u mhux baqghet timpika u ghalhekk kellha ssir din l-kawza.

Li jekk l-avukat tal-esponenti kien imsiefer meta hija irceviet l-atti huwa ghandu jipprova dan u anke jekk dan hu l-kaz zgur li ma kienx imsiefer ghal ghoxrin gurnata t-terminu biex taghmel ir-risposta. Kieku verament

dan kien il-kaz kien hemm l-kollega tieghu Dr Carmelo Mifsud Bonnici li setgha jaghmel dan tenut kont li huwa jidher ukoll ghal kawza li hemm pendenti fuq l-istess proprjeta quddiem l-Imhallef Hayman. (Dok A-verbal li jipprova dan).

Li ghalhekk legalment ma ghandha ebda raguni fil-ligi li tiggustifika l-kontumacja taghha tenut kont li dan gara minhabba n-negligenza tal-istess konvenuta stante li hija familjari hafna mal-procedura tal-Qorti minhabba d-diversi kawzi li kellha u li ghandha u dan jixhdu kemm Dok A anness u kif ukoll Dok B sentenza li kellha ftit ilu kontra l-kumpanija gestita minna dok B.

Illi dwar l-istitut tal-kontumacja, dejjem gie ritenut li:

Biex l-kontumacja tkun gustifikata (**sentenza Simone Eve Collett Sammut et vs Adam Sammut et (PA per Im Lso 17.3.2015) kif kwotata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell per Prim Imh Silvio Camilleri kawza 842/14 JZM deciza 11.3.2016 fl-ismijiet Samchrome Fze vs Danko Koncar prop et :**

1. Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;
2. Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;
3. Biex ikun hemm lok ghal gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta;
4. Din l-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu
5. l-impediment biex ikun legittimu ghandu jkun indipendenti mil-volonta tal- kontumaci;
6. l-izbal mhux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli ghalix jekk ikun vincibbli allura jigi ekwiparat ghal kopja;

7. Dan l-impediment legittimu jista jkun kif intqal ‘una necessita impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili;

8. L-impossibilita li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta gravi biex tista tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika u eccezzjonijalment biss tista tkun morali.

Kif ukoll fis-sentenza **Carmelo Bugeja vs Mary xebba Farrugia (AC16.2.1996)**: “*F’materja ta’ purgazzjoni tal-kontumacja gie dejjem ritenut li m’ghandux ikun hemm negligenza jew htija tla-parti, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il-‘culpa’ u f’dak il-kaz il-persuna ma tkun tista tilmenta minn xejn ghaliex ‘qui colpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire’.”*

U kif ukoll fil-kawza fl-**ismijiet Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co Ltd deciza 28 ta’ Jannar 2005** l-Qorti tal-Appell rriteniet izda li: …”*Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ta’ kontumacja ghandha tibqa titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu enut li jwiegeb bil-miktub b’nota fiz-zmien stipulate fil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedurali Civili u bhala tali l-eccezzjoni m’ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola* “(ara wkoll Vella pro et noe v Vella Appell Kummercjali 21.5.1993 Kol. Vol LXXVII-II-170); Paul Grixti vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici deciza mil-Qorti tal-Appell Civili fit-12 ta’ Dicembru 1975.

Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda."

Rat ir-**risposta ulterjuri tal-attur** tal-24 ta' Ottubru 2018 prezentata fl-24 ta' Ottubru 2018 fit-terminu moghti mill-Qorti:-

"Illi t-talbiet tar-rikorrenti Daniela Bartoli ghandhom jigu respinti wkoll stante li:

a. ir-rikors taghha gie prezentat fl-atti li huma ghal kollox estraneji ghal dan il-kaz; tali rikors gie prezentat fl-atti ta' rikors (mhux kawza) 570.2018 JPG li llum gie sorvolat;

b. Li r-rikorrenti fejn trid u jaqbilha tghid li tirrisjedi barra minn Malta u fejn ma jaqbilliex bhal fl-ittra ufficjali li gie notifikat biha l-esponenti wara li intavola l-ewwel risposta tieghu, qed tiddikjara li ghandha karta ta' l-identita' Maltija u toqghod San Gwann (dok. A).

c. Li ghalhekk l-kontumacja taghha ma tistghax bhala li hija gustifikata."

Semghat it-testimonjanza tal-konvenuta Daniela Bartoli fl-udjenza tat-3 ta' Dicembru 2018.

Rat il-provvediment taghha tat-13 ta' Frar 2019.

Rat illi r-rikors tal-konvenuta tal-4 ta' Ottubru 2018 thalla ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**Provi.**

Mill-atti jirrizulta li l-kawza odjerna giet intavolata fil-5 ta' Marzu 2018. L-okkju tal-kawza jaqra kif gej:-

"Edward Francis De Bono (ID 428633M)

Vs

Gordon Bartoli

Li b'digriet ta' ................................
Gew mahtura kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-Assenti Daniela Bartoli

HSBC (Malta) plc qua Trustee u
b'Digriet tas-26 ta' Marzu 2019,
l-isem tal-Bank konvenut gie jaqra HSBC Bank Malta plc."

Fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Marzu 2018 gie ppubblikat il-Bandu ghall-Kuraturi ghall-assenti konvenuta Daniela Bartoli inkluz estratt bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliza, tar-rikors guramentat nru 211/2018JPG.

Fit-3 ta' April 2019 l-attur ipprezenta rikors fejn talab li l-konvenuta Daniela Bartoli tigi notifikata fl-indirizz residenzjali taghha gewwa Franza u dan ai termini tar-Regolament Numru 1393/2007/KE talba li giet milqugha b'digriet tal-4 ta' April 2018.[1]

Fil-5 ta' Ottubru 2018 l-Avukat Generali prezenta nota li permezz taghha ezebixxa certifikat ta' notifika lil Daniela Bartoli, mibghut lill-Avukat Generali mill-Agenzija li tircievi gewwa Franzaa ai termini tar-Regolament Numru 1393/2007, u dan wara li l-Avukat Genearli kien baghat rikjesta lilha sabiex tigi notifikata Daniela Bartoli.[2] Ic-certifikat jirreferi ghal "BARTOLI Daniela" erronjament taht l-intestatura "Reference No of the transmitting agency". Taht paragrafu 12 intestat "Completion of Service" jinghand illi d-dokument gie notifikat fis-**27 ta' Gunju 2018** fl-indirizz "Chateau Le Planty 49120 St Christine Chemille En Anjou" bin-notament "served in accordance with the law of the Member State addressed."

[1] Fol. 79
[2] Fol. 120

Fl-4 ta' Ottubru 2018 il-konvenuta Daniela Bartoli prezentat ir-rikors li qed jigi deciz bl-odjerna sentenza fejn qed titlob li tiggustifika l-kontumacja taghha u tigi awtorizzata tipprezenta risposta guramentata. Ir-ragunijiet minnha migjuba huma s-segwenti:-

1. L-esponenti tirrisjedi fl-esteru flimkien ma' uliedha u li prezentement ghaddejja minn diversi problemi finanzjarji serji li qed joholqulha problemi wkoll mas-sistema gudizzjarja Franciza;
2. Meta r-rceviet kopja tar-rikors guramentat l-avukat taghha kien imsiefer u ghalhekk ma setghatx tikkomunika mieghu;
3. L-istadju tal-kawza huwa bikri u jekk it-talba taghha ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tigi milqugha l-attur mhux ser ibaghti pregudizzju.

Il-konvenuta Daniela Bartoli xhedet illi hija irceviet l-atti tal-Qorti gewwa Franza fit-12 ta' Lulju 2018 wara li ommha li tirrisjedi Malta mietet fl-14 ta' Gunju 2018. Tghid li matul is-sena 2018 kienet gejja u sejra Malta minhabba ommha sew qabel mietet kif ukoll wara. Xhedet illi hija fid-29 ta' Awissu 2018 hija marret ghand l-Avukat taghha fi Franza bil-karti li irceviet.

Hija xhedet illi qabel ma kienet irceviet kopja tar-rikors guramentat huwha, il-konvenut Gordon Bartoli, kien cemplilha u informaha illi kienet infethet kawza f'Malta kontra taghhom. Il-konvenut Gordon Barttoli gie notifikat fit-18 ta' Mejju 2019[3] u pprezenta r-risposta guramentata tieghu fil-5 ta' Gunju 2018[4]. Spjegat illi bejn Jannar u Awissu 2018 hija kienet nizlet Malta diversi drabi minhabba l-istat mediku hazin li kienet fih ommha.

Mistoqsija in kontro-ezami jekk hija kenitx giet informata mill-Avukat taghha Dr Noel Camilleri li kien irrifjuta n-notifika tal-bandu ghall-

[3] A tergo ta' fol. 108
[4] Fol. 91

kuraturi hija irrispondiet: "I knew there was a court case pending. I cannot tell you which precise date he told me about it." Hija qalet li l-atti tal-Qorti gew f'idejha fit-30 ta' Awissu 2018. Xhedet li ppruvat tikkomunika mal-Avukat taghha izda ma rnexxiliex ghaliex kien imsiefer. Xhedet ukoll illi "... but when I received it in the midst of all this hassle, all confusion, I didn't read the notice 30 days in Maltese because it was also sent to me in Maltese.......when I am [in a ] state of stress Maltese doesn't enter straightaway, English is more....I have to really read Maltese." Hija spjegat illi meta huwha gharrafha li kienet infethet kawza kontra taghhom u li hu kien gie notifikat bl-atti tal-Qorti ma kienux iddiskutew li jirrispondu flimkien bl-istess Avukat. Tghid li f'dak iz-zmien il-prijorita' taghha kienet ommha moribonda li fil-fatt mietet ftit wara.

Ikkonsidrat;

**Ligi u Gurisprudenza.**

**Artikolu 156 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi illi**:-**

(1) Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u għandu jkun fih -

(*a*) dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;

(*b*) ir-raġuni tat-talba;

(*ċ*) it-talba jew it-talbiet li għandhom ikunu enumerati; u

(*d*) f'kull rikors ġuramentat għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li ġej:

"Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix

ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi

biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi.

Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża."

**Artikolu 158 (10) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta:-

" (10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi."

Id-decizzjoni l-aktar iccitata f'materja ta' kontumajca hija dik fl-ismijiet **Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn fiha gew elenkati l-principji li gejjin rigwardanti l-kontumacja:-

(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;

(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;

(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta;

(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;

(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;

(6) L-izball m'hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;

(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";

(8) L-impossiblita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.

**Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd** – Qorti ta' l-Appell 28 ta' Jannar 2005:-

> *"L-istitut tal-kontumacja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu – ta' natura punittiva – huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali……………… Dik il-prezenza ta' l-imharrek – fatt fih innifsu pozittiv – hija invece mehtiega bhala parti mill-indagni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedurali Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola." [Ara wkoll.* ***Vella pro et nomine v. Vella****, Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, (Koll. Vol. LXXVII – II – 170);* ***Paul Grixti vs Direttur tax-Xogholijiet***

***Pubblici****, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fit-12 ta' Dicembru 1975,* ***Margaret*** **Bugeja et vs Alfred Ellul** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999). "**Samchrome Fze vs Koncar Danko Et**" moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Marzu 2016.]

F'sentenza moghtija recentement fil-25 ta' Marzu 2019 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet "**Joseph Vella vs MAPFRE MSV Life plc**"giet iccitata b'approvazzjoni is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Lulju 2014 fl-ismijiet "**Galea Cavallazzi Dr. Aaron Noe Vs Asfaltar Limited,"** :-

*'(a) il-kontumaċja mhix ġustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuża; (ċ) li jeħtieg li biex tkun ġustifikata tiġi murija raġuni ġusta għassudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raġuni ġusta trid tissarraf f'impediment leġittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaċi; minbarra dan, (f) sabiex żball ikun meqjus bħala impediment leġittimu, irid ikun żball invinċibbli b'mod li (ġ) l-impediment leġittimu li jżomm lill-parti milli tressaq id-difiża tagħha irid ikun dik li bnadi oħra ssejħet bħala una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili; u (ħ) li limpossibilita' li l-imħarrek jikkontesta t-talba jew li jidher għas-subizzjoni trid tkun gravi u fiżika, u eċċezzjonalment biss, waħda morali;'*

Ikkunsidrat;

Il-konvenuta Daniela Bartoli ma hiex tikkontesta l-validita' tan-notifika lilha gewwa r-residenza taghha fi Franza. Kif rajna aktar qabel il-kawzali li fuqhom hu msejjes ir-rikors in dizamina huma:-

1. L-konvenuta tirrisjedi fl-esteru flimkien ma' uliedha u li prezentement ghaddejja minn diversi problemi finanzjarji serji li qed joholqulha problemi wkoll mas-sistema gudizzjarja Franciza;

2. Meta r-rceviet kopja tar-rikors guramentat l-avukat taghha kien imsiefer u ghalhekk ma setghatx tikkomunika mieghu;

3. L-istadju tal-kawza huwa bikri u jekk it-talba taghha ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tigi milqugha l-attur mhux ser ibaghti pregudizzju.

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel u t-tielet raguni ma fihom l-ebda fondament legali ghall-finijiet tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja. La l-ligi rilevanti u lanqas il-gurisprudenza ma jikkonsidraw bhala gustifikazzjoni f'kaz ta' kontumelja li konvenut ikun jirrisjedi fl-esteru jew inkella l-fatt li l-kawza tkun ghadha fi stadju bikri. Dwar it-tieni raguni mressqa mill-konvenuta, il-Qorti tqis li mill-atti ma jirrizultax li verament din kienet ir-raguni ghaliex ma pprezentatx risposta guramentata fit-terminu statutorju ta' 20 jum. Ma resqet l-ebda prova konkreta tat-tentativi li ghamlet sabiex tikkomunika mal-Avukat taghha u lanqas ma min tkellmet fir-rigward. Ma tat l-ebda spjegazzjoni dwar x'tentativi ghamlet sabiex tfittex tosserva l-obbligu taghha li tirrispondi fit-terminu preskritt mil-ligi. Ghal kuntrarju tghid illi fil-fatt lanqas qrat l-avviz li kellha miktub, li fit-testimonjanza taghha tirreferi ghalih bhala terminu ta' 30 jum. Huwa evidenti mill-provi mressqa illi in-nuqqas tal-konvenuta ma hux rizultat ta' impediment insormontabbli izda rizultat ta' traskuragni illi bid-diffikultajiet li ssemmi l-konvenuta fix-xhieda taghha, ma kienux diffikultajiet li impedewha milli tiehu l-passi necessarji sabiex ma taqax kontumaci.

Ghalhekk il-Qorti qed issib illi l-konvenuta Daniela Bartoli ma sehhiliex tiggustifika l-kontumacja taghha.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad ir-rikors tal-konvenuta Daniela Bartoli tal-4 ta' Ottubru 2018.

Bl-ispejjez ta' din is-sentenza a kariku tal-istess konvenuta Daniela Bartoli.

**Onor. Robert G. Mangion**

**Imhallef**

**Lydia Ellul**

**Deputat Registratur**